

# Tmexxija Maniġerjali fis-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

## GWIDA PRATTIKA

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

BUSINESSEUROPE

Postijiet tax-xogħol li jġibu l-quddiem is-saħħa

Is-sigurtà u s-saħħa fil-post tax-xogħol jirrigwardaw lil kulħadd. Tajjeb għalik, tajjeb għall-kumpanija.



**Europe Direct** huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.
Numru bla ħlas (*): 00 800 6 7 8 9 10 11
(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess
għal numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Iktar informazzjoni dwar **l-Unjoni Ewropea** hija disponibbli fuq l-Internet (http://europa.eu).
Dejta dwar katalgi tinsab fl-aħħar ta' din il-pubblikazzjoni.

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2012

Traduzzjoni pprovduta miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni (CdT, Lussemburgu), bbażata fuq test oriġinali bl-Ingliż.

# Werrej


| | |
|---|---|
| Daħla | 4 |
| Introduzzjoni: Għaliex is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma importanti? | 6 |
| Benefiċċji ta' saħħa u sigurtà tajbin | 9 |
| Approċċ maniġerjali għall-OHS | 10 |
| Awtovalutazzjoni tat-tmexxija fl-OHS | 16 |
| Riżorsi u informazzjoni ulterjuri | 21 |
| Dwar | 22 |


*'Fis-seklu 21, l-involviment tal-maniġment tal-kumpanija fis-saħħa u s-sigurtà għandu jitqies bħala ċentrali għat-tmexxija ta' kwalunkwe negozju.'*



# Daħla





**Christa Sedlatschek,**
Direttur, Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

**Kumpaniji Ewropej ta' kull tip għamlu titjib konsiderevoli fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS) matul dawn l-aħħar deċennji. Dan it-titjib huwa dovut, parzjalment, għall-fatt li l-maniġers qed jagħrfu illi li wieħed jieħu rwol ta' tmexxija attiva fis-saħħa u s-sigurtà mhuwiex biss importanti għal raġunijiet legali jew ta' etika, iżda anki minħabba raġunijiet marbuta ma' negozju sod. Din il-gwida għat-tmexxija hija parti mill-Kampanja tal-EU-OSHA għall-2012-13 dwar il-Postijiet tax-Xogħol li jġibu 'l quddiem is-Saħħa.**

Il-kampanja globali tiffoka fuq kif il-kumpaniji, il-ħaddiema, ir-rappreżentanti tagħhom u partijiet interessati oħra jistgħu jaħdmu flimkien sabiex itejbu s-saħħa u s-sigurtà. Din il-gwida prattika – *Tmexxija maniġerjali fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol* – hija mmirata lejn il-maniġers li jixtiequ juru tmexxija tajba fis-saħħa u s-sigurtà. Din tenfasizza l-ħtieġa kontinwa li tittejjeb is-saħħa u s-sigurtà u r-rwol li għandu jkollhom il-maniġers jekk dawn jixtiequ jkunu fuq quddiem nett.

Komunità tan-negozju b'saħħitha toħloq impjiegi u ġid, u biex jintlaħaq dan hija essenzjali ġestjoni tajba tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Kundizzjonijiet tax-xogħol siguri huma element essenzjali għall-produzzjoni ta' kwalità ta' prodotti u għall-provvista ta' servizzi.

Is-suċċess ta' kumpanija jiddependi fuq teħid ta' riskji kkalkulati. Il-prevenzjoni hija l-iktar approċċ effettiv biex jittaffew dawn ir-riskji. Hija tippermetti lil kumpanija sabiex tillimita l-inċertezzi. Fil-valutazzjoni tar-riskji u fit-teħid ta' miżuri xierqa ta' prevenzjoni, il-kumpaniji jistgħu jtejbu l-produttività tagħhom u għalhekk anki l-marġini ta' profitt tagħhom.

Il-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema huma impenn serju għal BUSINESSEUROPE. Il-kumpaniji jiffurmaw parti integrali mis-soċjetà u mill-ħolqien tax-xogħol. Għaldaqstant din il-gwida se titqassam u tiġi promossa fuq skala kbira. Jien konvint li se tkun għodda importanti fil-ħarsien tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Il-kumpaniji llum saru jqisu l-politiki relatati mas-saħħa u s-sigurtà bħala parti integrali ta' kif imexxu n-negozju tagħhom. B'din il-perspettiva komuni aħna nistiednu lil dawk li jħaddmu kif ukoll lil dawk li jmexxu diversi azjendi biex jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet kollha li nipprovdu ħalli jnaqqsu r-riskji relatati mas-saħħa u s-sigurtà.



**Philippe de Buck,**
Direttur Ġenerali, BUSINESSEUROPE

# Introduzzjoni: Għaliex is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma importanti?

**Kull sena fl-Unjoni Ewropea iktar minn 5 550 persuna jitilfu ħajjithom minħabba aċċidenti fuq il-post tax-xogħol. Huwa diffiċli tikkwantifika l-impatt li għandu l-mard relatat mal-post tax-xogħol fuq is-saħħa fl-UE u m'hemm l-ebda qbil fuq id-dejta. Madankollu, l-istimi tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) jissuġġerixxu li 159 000 persuna fl-UE jmutu kull sena minħabba mard relatat mal-post tax-xogħol. Il-kumpaniji tal-Unjoni Ewropea jitilfu madwar 143 miljun jum ta' xogħol fis-sena minħabba aċċidenti fuq il-post tax-xogħol([1]). L-istimi jvarjaw, iżda dawn l-aċċidenti u l-problemi tas-saħħa jiswew lill-ekonomija tal-UE mill-inqas EUR 490 biljun fis-sena. Sabiex jitnaqqsu dawn il-figuri huma essenzjali l-antiċipazzjoni tar-riskji, l-implimentazzjoni ta' miżuri effettivi marbuta mas-sigurtà u segwitu rigoruż.**

Is-sistemi tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OHS) huma maħsuba sabiex jidentifikaw u jimminimizzaw ir-riskji fuq il-post tax-xogħol. L-effettività ta' dawn is-sistemi taffettwa anki l-prestazzjoni tan-negozju, jew f'sens negattiv jekk pereżempju dawn is-sistemi jkunu kkumplikati jew burokratiċi, jew inkella pożittivament jekk ikunu mfassla sew u effettivi. Sabiex ikollhom impatt pożittiv, is-sistemi tal-OHS iridu jaħdmu mingħajr xkiel, f'armonija – iktar milli f'kontradizzjoni – mal-maniġment globali tal-kumpanija u mal-miri ta' produzzjoni fi żmien stipulat.

Fid-dawl ta' dan, jaqbel li wieħed iżomm f'moħħu li huwa dmir legali (u morali) ta' dawk li jħaddmu sabiex jassiguraw il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, kif ukoll li jikkonsultaw mal-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom u jippermettulhom jieħdu sehem fid-diskussjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. It-tmexxija maniġerjali fuq is-saħħa u s-sigurtà tista' tappoġġja dan.




([1]) 'Każi u ċirkustanzi ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol fl-UE' (http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=207&furtherPubs=yes).




© EU-OSHA/Jim Holmes




## Il-prevenzjoni hija aqwa mill-kura

Il-prevenzjoni hija l-pedament tal-approċċ Ewropew għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Fil-prattika, dan ifisser l-analiżi tal-proċessi tax-xogħol sabiex jiġu identifikati r-riskji fuq terminu ta' żmien qasir u fuq dak twil, u mbagħad tittieħed azzjoni biex kemm jista' jkun dawn jiġu evitati jew jitnaqqsu.

© EU-OSHA/Eric Despujols

# Benefiċċji ta' saħħa u sigurtà tajbin

**Il-ħarsien effettiv tas-saħħa u s-sigurtà jipprovdi opportunitajiet għat-titjib tal-effiċjenza fin-negozju kif ukoll jissalvagwardja l-ħaddiema. Dawn ġew analizzati fl-Istħarriġ Ewropew tal-Impriżi dwar ir-Riskji l-Ġodda u dawk Emerġenti (ESENER)(²) li sar dan l-aħħar.**

Il-benefiċċji jistgħu jinkludu:
- riskji u spejjeż imnaqqsa – assenza tal-impjegati u rati ta' dħul iktar baxxi, inqas aċċidenti u inqas theddid ta' azzjoni legali;
- assigurazzjoni ta' kontinwità aħjar fin-negozju, biex b'hekk tiżdied il-produttività – billi jiġu evitati inċidenti, aċċidenti, waqfien u nuqqasijiet fil-proċessi;
- pożizzjoni aħjar u reputazzjoni mtejba fost il-fornituri, il-konsumaturi u msieħba oħra.


© EU-OSHA/Jim Holmes


© EU-OSHA/Dominic Wigley

*'Il-prevenzjoni tittratta l-ġestjoni tar-riskji. Ir-riskji huma ġestiti minn nies li jaħdmu flimkien.'*



(²) http://www.esener.eu

# Approċċ maniġerjali għall-OHS


© iStock

Il-maniġment jista' juri l-kapaċità fit-tmexxija tiegħu bil-prevenzjoni tar-riskji marbuta mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Tliet prinċipji ta' ġestjoni prinċipali huma essenzjali għat-titjib tas-saħħa u s-sigurtà. Dawn huma:

- tmexxija effettiva u b'saħħitha;
- l-involviment tal-ħaddiema u l-impenn kostruttiv tagħhom;
- reviżjoni u valutazzjoni kontinwa.

Dawn it-tliet punti huma miflija f'iktar dettall hawn taħt.

*'Approċċ preventiv huwa utli biss jekk jiġi appoġġjat mill-maniġment. Tmexxija b'saħħitha u viżibbli u maniġers impenjati fil-livelli kollha jistgħu jagħtu direzzjoni u kontribut għal dan l-approċċ preventiv.'*



## Punt 1: Tmexxija effettiva u b'saħħitha

It-tmexxija hija kundizzjoni għas-suċċess. Approċċ preventiv x'aktarx li jkun utli biss jekk jiġi appoġġjat mill-maniġment. Tmexxija b'saħħitha u viżibbli u maniġers impenjati fil-livelli kollha jistgħu jagħtu direzzjoni u kontribut għal dan l-approċċ preventiv. Dan jagħmilha ċara għal kulħadd li s-saħħa u s-sigurtà huma kwistjonijiet strateġiċi fi ħdan il-kumpanija.

Fil-prattika dan ifisser li:

- il-maniġment jimpenja ruħu fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol bħala valur ewlieni tal-organizzazzjoni u jikkomunika dan lill-impjegati;
- il-maniġers ikollhom stampa ċara tal-profil tar-riskju tal-organizzazzjoni;
- il-maniġment imexxi bl-eżempju u juri integrità fit-tmexxija, pereżempju billi jsegwi dejjem ir-regoli kollha dwar is-saħħa u s-sigurtà;
- ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi differenti fil-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji marbuta mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma ddefiniti b'mod ċar u ppjanati u ssorveljati b'mod proattiv;
- l-OHS tista' tiġi inkorporata fl-istrateġija ta' sostenibbiltà tal-kumpanija u/jew fir-responsabbiltà soċjali korporattiva u tista' tiġi nkoraġġita fil-katina tal-provvista kollha.




## Eżempji prattiċi ta’ tmexxija fl-OHS jinkludu:

- iżżur l-istazzjonijiet tax-xogħol biex tiddiskuti mal-persunal it-tħassib relatat mas-saħħa u s-sigurtà (il-ħaddiema jaf mhux biss jidentifikaw il-problemi iżda anki jipprovdu soluzzjonijiet);
- tieħu responsabbiltà personali u turi li jimpurtak;
- tmexxi bl-eżempju;
- tqiegħed għad-dispożizzjoni, sa fejn ikun possibbli, ħin u flus.

© EU-OSHA/Jim Holmes

EŻEMPJU TA' PRATTIKA TAJBA

## Raffinerija taż-żejt, il-Belġju

Ir-raffinerija taż-żejt Total f'Antwerp qabbdet il-kuntrattur SPIE Belgium sabiex jgħinha fil-manutenzjoni tal-makkinarji u tal-pajpijiet. Malajr deher ċar li kien hemm kunflitt ta' kulturi ta' negozju u ta' sigurtà li kellhom jiġu allinjati mill-ġdid jekk ir-rati ta' aċċidenti u mard kellhom jitnaqqsu b'mod sinifikanti.

Wara sforzi kbar, il-kumpaniji solvew id-differenzi organizzattivi ewlenin ta' bejniethom u wara ffukaw fuq l-imġiba tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol. L-impjegati ġew imħeġġa sabiex jaħdmu b'mod responsabbli u awtonomu billi jitħarrġu, pereżempju, fit-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju qabel ma jibdew kompitu ġdid. L-allinjament tal-kulturi korporattivi ntlaħaq permezz ta' konsultazzjoni intensiva, għalkemm din kienet ġeneralment informali.

Dan it-titjib wassal biex ma jkun hemm ebda aċċident ieħor, ladarba ż-żewġ kumpaniji laħqu ftehim dwar l-'aħjar prattiċi'.

**Fatturi ta' suċċess**

L-allinjament taż-żewġ kulturi ta' sigurtà tal-kumpaniji seta' jintlaħaq biss permezz ta' komunikazzjoni miftuħa, tmexxija tajba, l-involviment attiv tal-impjegati u l-approċċi innovattivi tas-servizzi ta' prevenzjoni. Il-parteċipazzjoni tal-maniġment ta' livell għoli wriet lill-impjegati l-importanza mogħtija lill-kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà fi ħdan il-kumpanija.

**L-azzjonijiet ewlenin f'dan il-proċess kienu:**

- newsletters u ġestjoni tal-informazzjoni;
- mixjiet għas-sigurtà;
- laqgħat imsejħa 'sett ta' għodod' (preżentazzjonijiet qosra lill-forza tax-xogħol dwar aspett partikolari tas-saħħa u s-sigurtà);
- korsijiet ta' taħriġ estensivi.

## Punt 2: L-involviment tal-ħaddiema u l-impenn kostruttiv tagħhom

Il-proċess bidirezzjonali tal-involviment tal-ħaddiema u l-impenn kostruttiv tagħhom huwa importanti għas-suċċess tal-inizjattivi tal-maniġment.

Skont il-liġi tal-UE, dawk li jimpjegaw għandhom jikkonsultaw l-impjegati tagħhom fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà. Dan jinkludi: għoti ta' informazzjoni; tagħlim u taħriġ; u l-impenn fil-konsultazzjoni mal-ħaddiema u r-rappreżentati tagħhom. Skont ir-rekwiżiti nazzjonali, l-impjegaturi jistgħu jkunu mitluba li jwaqqfu kumitati dwar is-sigurtà u jistabbilixxu l-pożizzjoni ta' rappreżentant tal-ħaddiema.

Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema tgħin biex tistabbilixxi kultura ta' djalogu. Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom huma mħeġġa sabiex jieħdu sehem fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà. Uħud minn dawk li jimpjegaw sabu li jkun ta' benefiċċju għalihom meta jmorru lil hinn minn dawn l-obbligi legali. Dawn jinkoraġġixu involviment attiv fis-saħħa u s-sigurtà fuq bażi ta' kuljum u jinkludu wkoll il-ħaddiema f'fora oħra bħal gruppi ta' ħidma dwar suġġetti speċifiċi.

Kommunikazzjoni mal-livelli iktar għoljin hija essenzjali – il-ħaddiema jiġu mismugħa u jittieħdu passi fuq dak li jgħidu. Daqstant importanti, il-ħaddiema jaċċettaw ir-responsabbiltà tagħhom li jsegwu r-regoli dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u huma impenjati mal-maniġment b'mod kostruttiv u utli. Dan il-proċess bidirezzjonali joħloq kultura fejn ir-relazzjonijiet bejn dawk li jħaddmu u l-ħaddiema jkunu bbażati fuq il-kollaborazzjoni, il-fiduċja u s-soluzzjoni tal-problemi b'mod konġunt. Din il-kultura, ladarba tiġi stabbilita għandha l-potenzjal għal titjib fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà.

Il-parteċipazzjoni diretta tal-ħaddiema ma għandhiex titqies bħala alternattiva għal sistema ta' rappreżentanti tal-ħaddiema. Dawn huma żewġ possibbiltajiet differenti li jistgħu jintużaw b'mod effettiv, f'konformità mal-oqfsa nazzjonali u l-karatteristiċi speċifiċi tal-post tax-xogħol.

Il-benefiċċji ta' din il-kultura kollaborattiva jistgħu jinkludu rati iktar baxxi ta' aċċidenti, soluzzjonijiet kost-effettivi u forza tax-xogħol iktar produttiva. Dawn, imbagħad, jistgħu jwasslu għal rati ta' assenza iktar baxxi u kontroll aħjar tar-riskji fuq il-post tax-xogħol.

Il-kontribut tal-impjegati huwa speċjalment ta' valur matul:

- valutazzjoni tar-riskju;
- żvilupp ta' politiki u interventi;
- għoti ta' osservazzjonijiet pertinenti matul it-taħriġ u l-implimentazzjoni.

*'Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema tgħin biex tistabbilixxi kultura ta' djalogu. Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom huma mħeġġa sabiex jieħdu sehem fit-teħid tad-deċiżjonijiet fuq is-saħħa u s-sigurtà.'*



EŻEMPJU TA' PRATTIKA TAJBA

### Strateġija għall-prevenzjoni tal-korrimenti b''labar fis-swaba'' f'kumpanija tal-ħwejjeġ u t-tessuti

Il-maniġers u t-trejdjunjins f'kumpanija tal-ħwejjeġ Brittanika, iddiskutew kif jistgħu jnaqqsu r-rata għolja ta' korrimenti b'labar fis-swaba' fost il-ħaddiema li jużaw il-magni tal-ħjata, peress li l-gwardji tal-magni standard ma kinux jipproteġu l-ħaddiema ta' fuq il-magni. Tim żgħir, li kien jinkludi żewġ ħaddiema ta' fuq il-magni, ġie stabbilit f'sit speċifiku u kien mitlub li jiddisinja gwardja li kulħadd seta' jaħdem biha. Il-ħaddiema lokali ta' fuq il-magni kienu mbagħad involuti fl-ittestjar tal-prototipi l-ġodda. Fejn twaħħlet din il-gwardja, il-korrimenti b'labar fis-swaba' ġew eliminati. Minbarra li kellu impatt pożittiv fuq il-ħaddiema, dan ix-xogħol konġunt ġab miegħu benefiċċji għan-negozju, billi naqqas l-ispejjeż għall-kumpanija f'termini ta' talbiet għal kumpens u primjums tal-assigurazzjoni.



## Punt 3: Valutazzjoni u reviżjoni kontinwa

Is-sorveljanza u r-rappurtar huma għodod vitali għat-tisħiħ tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Is-sistemi ta' ġestjoni li jipprovdu, pereżempju, lill-membri tal-bord ta' kumpanija b'rapporti speċifiċi u ta' rutina (eż minħabba inċident) dwar il-prestazzjoni tal-politiki relatati mas-saħħa u s-sigurtà jistgħu jkunu utli biex jitqajmu kwistjonijiet, jiġu enfasizzati l-problemi u fl-aħħar nett jittejbu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Elementi minn sistema ta' valutazzjoni u reviżjoni tajba jinkludu:

- proċeduri għar-rappurtar tan-nuqqasijiet ewlenin relatati mas-saħħa u s-sigurtà lill-membri tal-bord u lis-sidien ta' kumpanija malajr kemm jista' jkun;
- sistemi għall-ġbir u r-rappurtar b'mod preċiż u fil-ħin tad-dejta dwar l-inċidenti, bħalma huma r-rati ta' aċċidenti u mard;
- arranġamenti biex jinkisbu u jiġu inkorporati l-ħsibijiet u l-esperjenzi tal-ħaddiema;
- rapporti perjodiċi tal-impatt li l-iskemi preventivi bħall-programmi ta' manutenzjoni u ta' taħriġ għandhom fuq l-OHS;
- verifiki regolari tal-effettività tal-kontrolli u l-ġestjoni tar-riskju;
- valutazzjonijiet tal-impatt li bidliet bħall-introduzzjoni ta' proċessi, proċeduri jew prodotti ġodda ta' xogħol għandhom fuq is-saħħa u s-sigurtà;
- proċeduri effettivi għall-implimentazzjoni ta' rekwiżiti legali ġodda jew mibdula.

EŻEMPJU TA' PRATTIKA TAJBA

## Irfinar tal-proċeduri ta' valutazzjoni u reviżjoni wara aċċidenti fl-industrija tat-tħin tad-dqiq

Tliet impjegati weġġgħu f'aċċident li seħħ matul il-manutenzjoni ta' rutina ta' magna tat-tħin tad-dqiq. Mill-ewwel ispezzjoni ħareġ li l-proċeduri ta' sigurtà kienu ġew segwiti u li l-apparat ma kellux ħsara. Il-kwistjoni qamet minħabba problema fid-disinn tal-makkinarju. L-impjant kien proprjetà ta' grupp ta' tħin Franċiż li jimpjega160 ħaddiem fil-provinċja ta' Siena fl-Italja.

Il-maniġer iddeċieda li jmexxi l-investigazzjonijiet permezz ta' sforzi kkombinati ta' partijiet interessati differenti bħall-uffiċjali eżekuttivi tal-kumpanija, rappreżentanti speċjalizzati tas-saħħa u tas-sigurtà tal-impjegati, l-ispettorat tas-saħħa u s-sigurtà u l-uffiċjali reġjonali tal-fond tal-assigurazzjoni tas-saħħa. Ir-rappreżentanti tal-impjegati fil-kumitati dwar is-saħħa u s-sigurtà, il-ħaddiema u l-persunal superviżorju għenu fis-sejbien tal-kawżi ewlenin tal-aċċident.

L-approċċ parteċipatorju kien ibbażat fuq intervisti mal-operaturi u l-proposti tagħhom għal titjib tad-disinn tal-makkinarju. L-investigazzjoni kollettiva wriet li d-disinn tal-monitoraġġ tat-temperatura kien jeħtieġ titjib. L-analiżi wriet ukoll li l-aċċident seħħ parzjalment minħabba nuqqas ta' persunal u xeħtet dawl fuq kwistjonijiet ta' taħriġ. L-investigazzjoni wasslet ukoll biex il-Ministeru tax-Xogħol jistabbilixxi proċess immirat lejn is-sejbien u l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet fl-istandards tas-sigurtà.



© Fotolia/Richard Villalon



© EU-OSHA/Jim Holmes

*'Is-sorveljanza u r-rappurtar huma vitali għat-titjib tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.'*



# Awtovalutazzjoni tat-tmexxija fl-OHS

**Bħalma trid iż-żmien biex tibni kumpanija, bl-istess mod trid tagħmel sforzi fit-tul biex tiżviluppa politika ta' prevenzjoni soda.**

**Punt tajjeb minn fejn wieħed jista' jibda huwa billi jivverifika l-istat attwali tal-prevenzjoni fil-kumpanija. Din l-għodda ta' awtovalutazzjoni prattika tippermettilek li tiġbor l-informazzjoni meħtieġa u tagħtik il-possibbiltà li ttejjeb is-sitwazzjoni.**

## Kif taħdem?

Matul l-evalwazzjoni, ċertu numru ta' aspetti tal-approċċ tas-saħħa u s-sigurtà tal-kumpanija jiġu enfasizzati.

- Politika ta' prevenzjoni
- Tmexxija
- Għodod ta' prevenzjoni
- Informazzjoni, taħriġ u konsultazzjoni

Għal kull wieħed minn dawn l-aspetti, jiġu riveduti tliet elementi partikolari. Għal kull element, għandek tistima l-livell ta' kisba fil-kumpanija tiegħek mill-erba' deskrizzjonijiet. Għal kull wieħed mill-elementi, indika liema deskrizzjoni (A, B, C jew D) tikkorrispondi bl-aħjar mod għas-sitwazzjoni tal-kumpanija tiegħek. Il-punteġġ finali jiġi kkalkulat bl-għajnuna tal-matriċi.

## Min għandu jagħmilha?

Huwa rrakkomandat li l-evalwazzjoni titwettaq mis-CEO nnifsu/innifisha. L-evalwazzjoni tista' titwettaq ukoll minn iktar minn persuna waħda, fejn il-punteġġ finali jinkiseb billi tiġi kkalkulata l-medja jew wara diskussjoni li twassal għall-identifikazzjoni tad-deskrizzjoni l-iktar xierqa għall-kumpanija.

## Kif tista' ttejjeb?

Il-punteġġ jagħti idea tal-livell ta' prevenzjoni. L-għodda tipprovdilek ukoll ispirazzjoni u possibbiltajiet konkreti għal titjib, billi tħares lejn id-deskrizzjonijiet li jwasslu għal punteġġ ogħla.

***'Il-kumpaniji li sejrin jagħmlu suċċess fil-futur huma dawk li llum huma f'pożizzjoni li jgħaqqdu l-viżjoni u l-previżjoni li jinvestu fl-innovazzjoni u fis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema tagħhom.'***



| | A | B | C | D |
|---|---|---|---|---|
| **Politika ta' prevenzjoni** | | | | |
| ***Miri għall-politika ta' prevenzjoni*** | Ma ġew stabbiliti l-ebda miri għas-saħħa u s-sigurtà. | Ġew stabbiliti miri ġenerali għas-saħħa u s-sigurtà. | Kull ċertu żmien jiġu stabbiliti u riveduti miri speċifiċi għas-saħħa u s-sigurtà. | Jitkejlu l-indikaturi speċifiċi għas-saħħa u s-sigurtà u l-politika tiġi adattata skont dan biex jiġi assigurat titjib kontinwu. |
| ***Dikjarazzjoni ta' politika*** | Ma teżisti l-ebda dikjarazzjoni ta' politika dwar is-saħħa u s-sigurtà. | Teżisti dikjarazzjoni vaga u ġenerali ta' politika dwar is-saħħa u s-sigurtà. | Ġiet abbozzata dikjarazzjoni ta' politika ċara li tesprimi l-impenn tal-kumpanija. | Tiġi kkomunikata dikjarazzjoni ta' politika ċara li tindika l-impenn tal-kumpanija lill-ħaddiema u lill-konsumaturi. |
| ***Pjanijiet ta' azzjoni*** | Kull ċertu żmien jittieħdu miżuri fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà (wara l-aċċidenti, żjara ta' spezzjoni, eċċ). | Ċerti azzjonijiet fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà huma ppjanati abbażi ta' evalwazzjoni globali tal-attivitajiet tal-kumpanija. | Ġie stabbilit pjan ta' azzjoni għas-saħħa u s-sigurtà (li jindika ż-żmien determinat, ir-responsabbiltajiet u r-riżorsi) ibbażat fuq valutazzjoni tar-riskju. | Jiġi stabbilit u rivedut b'mod regolari u adattat pjan ta' azzjoni għas-saħħa u s-sigurtà (li jindika ż-żmien determinat, ir-responsabbiltà u r-riżorsi) ibbażat fuq valutazzjoni fil-fond tar-riskju. |

| Tmexxija | A | B | C | D |
|---|---|---|---|---|
| ***Tmexxija*** | L-ebda persuna ma turi tmexxija fil-prevenzjoni peress li wieħed jassumi li l-individwi kollha jafu huma stess kemm din hija importanti. | L-espert tal-OHS tal-kumpanija juri tmexxija fil-prevenzjoni. Huwa/hija jinkorpora/tinkorpora l-politika billi jagħti/tagħti eżempju tajjeb. | Il-maniġment juri tmexxija fil-prevenzjoni. Dan huwa msemmi b'mod ċar fid-dikjarazzjoni ta' politika. | Il-maniġment imexxi bl-eżempju u juri t-tmexxija fil-prevenzjoni. |
| ***Responsabbiltà*** | L-ebda persuna fl-organizzazzjoni ma għandha responsabbiltajiet espliċiti għas-saħħa u s-sigurtà. | Ir-responsabbiltà għas-saħħa u s-sigurtà hija ddelegata lill-espert tal-OHS tal-kumpanija. | L-espert tal-OHS tal-kumpanija flimkien mal-maniġment f'kull livell huwa responsabbli għall-politika dwar is-saħħa u s-sigurtà. | Il-maniġment f'kull livell huwa responsabbli biex iħaddem fil-prattika l-politika dwar is-saħħa u s-sigurtà. |
| ***Maniġment*** | Il-kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà ma jiġu diskussi kważi qatt matul il-laqgħat tal-bord u/jew tal-maniġment u ma jitqisux bħala kriterji għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-maniġment. | Il-kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà jiġu diskussi biss matul il-laqgħat tal-bord u/jew tal-maniġment wara li jseħħu aċċidenti serji u f'dak il-każ dawn jitqiesu bħala kriterji għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-maniġment. | Il-kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà huma punt standard fl-aġenda tal-laqgħat tal-bord u/jew tal-maniġment u jsiru diskussjonijiet jekk dan ikun meħtieġ. Dawn huma parti mill-kriterji għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-maniġment. | Il-kwistjonijiet relatati mas-saħħa u s-sigurtà huma punt standard fl-aġenda tal-laqgħat tal-bord u/jew tal-maniġment, inkluż is-segwitu u l-komunikazzjoni. Dawn jikkostitwixxu kriterji ewlenin għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-maniġment. |

| Għodod ta' prevenzjoni | A | B | C | D |
|---|---|---|---|---|
| ***Valutazzjoni tar-riskju*** | Irid ikun inċident serju biex jibdew jiġu evalwati r-riskji assoċjati mal-attivitajiet tal-kumpaniji. | L-espert tal-OHS tal-kumpanija għandu stampa ċara tal-profil tar-riskju tal-organizzazzjoni. | Il-maniġers għandhom stampa ċara tal-profil tar-riskju tal-organizzazzjoni. | Kull riskju marbut mas-saħħa u s-sigurtà jiġi vvalutat, iddokumentat u evalwat u rivedut b'mod regolari. Kull ħaddiem jiġi infurmat u jingħatawlu struzzjonijiet kif ikun xieraq. |
| ***Ispezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol*** | Ma titwettaq l-ebda spezzjoni fuq il-post tax-xogħol peress li hemm biżżejjed istruzzjonijiet u proċeduri biex tiġi ggarantita s-saħħa u s-sigurtà. | Kull ċertu żmien l-espert tal-OHS tal-kumpanija jwettaq spezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol sabiex jevalwa s-sitwazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fil-post tax-xogħol. | L-espert tal-OHS tal-kumpanija jwettaq b'mod regolari spezzjonijiet tal-post tax-xogħol flimkien mal-maniġer responsabbli minn dak id-dipartiment/post tax-xogħol partikolari. | Il-maniġment iwettaq spezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol b'mod regolari u jieħu miżuri xierqa sabiex jittratta kull nuqqas ta' konformità. |
| ***Akkwisti (servizzi, provvisti, prodotti)*** | L-akkwist jieħu kont ta' diversi aspetti bħall-prezz u l-effiċjenza. Is-saħħa u s-sigurtà ma jiġux ikkunsidrati bħala aspett speċifiku. | L-akkwist jieħu kont ta' diversi aspetti bħall-prezz u l-effiċjenza. Jittieħed kont tal-kriterji marbuta mas-saħħa u s-sigurtà meta jiġi akkwistat makkinarju 'perikoluż'. | Meta jiġu akkwistati servizzi, prodotti u apparati, jittieħed kont ta' kriterji speċifiċi relatati mas-saħħa u s-sigurtà. | Meta jiġu akkwistati servizzi, prodotti u apparat, jintużaw u jiġu vverifikati kriterji speċifiċi relatati mas-saħħa u s-sigurtà meta dawn jaslu fil-post u qabel ma jitħaddmu. |

## Informazzjoni, taħriġ u konsultazzjoni

| | A | B | C | D |
|---|---|---|---|---|
| ***Introduzzjoni u struzzjonijiet tax-xogħol*** | Il-ħaddiema l-ġodda (inkluż it-temporanji u l-apprendisti) jitpoġġew direttament fil-post tax-xogħol. Dawn jirċievu informazzjoni u struzzjonijiet meta jkun hemm ħin disponibbli. | Il-ħaddiema l-ġodda (inkluż it-temporanji u l-apprendisti) jitpoġġew fil-post tax-xogħol wara li jirċievu struzzjonijiet bil-miktub dwar l-impjieg tagħhom. | Qabel ma l-ħaddiema (inkluż it-temporanji u l-apprendisti) jitpoġġew fil-post tax-xogħol, jirċievu l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet kollha meħtieġa. | Qabel ma l-ħaddiema (inkluż it-temporanji u l-apprendisti) jitpoġġew fil-post tax-xogħol, jirċievu l-informazzjoni u l-istruzzjonijiet kollha meħtieġa u jiġi vverifikat li fehmuhom. |
| ***Taħriġ*** | Il-persunal u l-maniġment ma jirċevux taħriġ relatat mas-saħħa u s-sigurtà. Dawn jitgħallmu bl-esperjenza. | Il-ħaddiema jirċievu taħriġ fuq is-saħħa u s-sigurtà li huwa relatat mal-impjieg speċifiku. | Il-ħaddiema u l-maniġment jirċievu taħriġ fuq is-saħħa u s-sigurtà li huwa relatat mal-impjieg speċifiku tagħhom. | Kull persuna fil-kumpanija mill-ħaddiema sal-maniġment, jirċievu t-taħriġ kollu meħtieġ fuq is-saħħa u s-sigurtà b'aġġornamenti regolari. |
| ***Konsultazzjoni*** | L-espert tal-OHS tal-kumpanija jfassal il-politika tal-prevenzjoni u jgħaddiha lill-amministrazzjoni. | L-amministrazzjoni tfassal il-politika tal-prevenzjoni. Ir-riżultat jiġi kkomunikat lill-ħaddiema. | L-amministrazzjoni tfassal il-politika tal-prevenzjoni wara konsultazzjoni mal-ħaddiema (rappreżentanti tagħhom). | L-amministrazzjoni għaddejja bi djalogu kontinwu mal-ħaddiema (rappreżentanti tagħhom) fuq il-kwistjonijiet kollha relevanti tal-OHS. |

## Il-punteġġ tiegħek

Ikkalkula l-punteġġ tiegħek permezz tat-tabella ta' valutazzjoni li hija disponibbli hawn taħt.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Numru ta' As = | | x 1 | = | |
| Numru ta' Bs = | | x 3 | = | |
| Numru ta' Cs = | | x 5 | = | |
| Numru ta' Ds = | | x 7 | = | |
| **TOTAL** | | | = | |

## Ir-riżultat tiegħek

**61 'il fuq:** Il-politika ta' prevenzjoni tal-OHS fil-kumpanija tiegħek hija ta' livell pjuttost għoli. Kompli b'dan il-mod.
**37-60:** Ċertament li jimpurtak mill-prevenzjoni, iżda hemm lok għal titjib f'bosta aspetti.
**12-36:** Il-prevenzjoni fil-kumpanija tiegħek għadha fil-bidu tagħha. Ipprepara ruħek b'mod urġenti sabiex tieħu iktar miżuri ta' prevenzjoni.

# Riżorsi u informazzjoni ulterjuri



© iStock


© EU-OSHA/Jim Holmes

**Inħolqot sezzjoni ddedikata fuq il-websajt dwar il-Kampanja dwar il-Postijiet tax-Xogħol li jġibu 'l quddiem is-Saħħa sabiex tipprovdi lill-maniġers b'iktar pariri u linjigwida. Tinkludi links għal diversi pubblikazzjonijiet u websajts, kif ukoll verżjonijiet ta' din il-gwida li huma disponibbli fuq l-internet jew li jistgħu jitniżżlu.**

**L-informazzjoni hija disponibbli f'24 lingwa fuq: http://www.healthy-workplaces.eu**

Tista' tikseb iktar informazzjoni mill-organizzazzjonijiet li ġejjin:

**Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)**
http://osha.europa.eu

- Rappreżentanza u konsultazzjoni tal-ħaddiema fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà – analiżi tas-sejbiet tal-Istħarriġ Ewropew tal-Impriżi dwar ir-Riskji l-Ġodda u dawk Emerġenti (ESENER)
- Ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol – analiżi tas-sejbiet tal-Istħarriġ Ewropew tal-Impriżi dwar ir-Riskji ġodda u emerġenti (ESENER)
- Ġestjoni tar-riskji psikosoċjali – analiżi tas-sejbiet tal-Istħarriġ Ewropew tal-Impriżi dwar ir-Riskji ġodda u emerġenti (ESENER)
- Ġestjoni tar-riskji psikosoċjali fl-impriżi Ewropej: esplorazzjoni tal-fatturi, ostakli u l-bżonnijiet abbażi tas-sejbiet tal-istħarriġ tal-ESENER

http://osha.europa.eu/mt/publications/reports

**BUSINESSEUROPE**
http://www.businesseurope.eu

**Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO)**
http://www.ilo.org
Sistemi ta' ġestjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post ta-xogħol, Xogħol Sigur tal-ILO

# Dwar

Il-Kampanja dwar il-**Postijiet tax-Xogħol li jġibu 'l quddiem is-Saħħa** hija kkordinata mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol u l-imsieħba tagħha f'iktar minn 30 pajjiż u tappoġġja firxa wiesgħa ta' attivitajiet fil-livell nazzjonali u Ewropew. Il-kampanja għall-2012-13 dwar '**Naħdmu flimkien biex nevitaw ir-riskji**' tqajjem kuxjenza dwar l-importanza tat-tmexxija tal-OHS u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema għall-prevenzjoni ta' mard u aċċidenti relatati max-xogħol.

## Dati ewlenin

- Tnedija tal-Kampanja: 18 ta' April 2012
- Ġimgħa Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol f'Ottubru 2012 u 2013
- Ċerimonja tal-Għoti tal-Premijiet għal Prattika Tajba: April 2013
- Samit dwar il-Postijiet tax-Xogħol li jġibu 'l quddiem is-Saħħa: Novembru 2013

**http://www.healthy-workplaces.eu**

L-**Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA)** tikkontribwixxi sabiex tagħmel l-Ewropa post ta' xogħol iktar sigur, iktar produttiv u li jġib 'il quddiem is-saħħa. L-aġenzija tirriċerka, tiżviluppa u tqasam informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà li hija affidabbli, ibbilanċjata, u imparzjali u torganizza kampanji pan-Ewropej ta' sensibilizzazzjoni. L-aġenzija li ġiet stabbilita mill-Unjoni Ewropea fl-1996 u li hija bbażata f'Bilbao, fi Spanja, tiġbor flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet tal-Istati Membri u organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, kif ukoll esperti ewlenin f'kull wieħed mill-Istati Membri tal-UE-27 u lil hinn minnhom.

Il-membri ta' **BUSINESSEUROPE** huma 41 federazzjoni ta' min iħaddem u industriji ċentrali minn 35 pajjiż, li jaħdmu flimkien biex jilħqu t-tkabbir u l-kompetittività fl-Ewropa. BUSINESSEUROPE tirrappreżenta kumpaniji żgħar, medji u kbar.

BUSINESSEUROPE għandha rwol kruċjali fl-Ewropa bħala l-organizzazzjoni tan-negozju orizzontali ewlenija fil-livell tal-UE. Permezz tal-41 federazzjoni msieħba, BUSINESSEUROPE tirrappreżenta 20 miljun kumpanija. Il-kompitu ewlieni tagħha huwa li tassigura li l-interessi tal-kumpanija jiġu rappreżentati u difiżi vis-à-vis l-istituzzjonijiet Ewropej bl-għan prinċipali li tippreserva u ssaħħaħ il-kompetittività tal-kumpaniji. BUSINESSEUROPE hija attiva fid-djalogu soċjali Ewropew sabiex tippromwovi l-funzjonament bla xkiel tas-swieq tax-xogħol.



Tmexxija Maniġerjali fis-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol – Gwida prattika
Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2011 — 22 pp. — 17.6 x 25 cm

ISBN 978-92-9191-618-4
doi:10.2802/35544

Kunċett u disinn: Kris Kras Design, il-Pajjiżi l-Baxxi

Ir-ritratti ttieħdu fis-siti ta' Baxter Healthcare, Ideal Standard, Pirelli Tyres u Toyota Material Handling tar-Renju Unit.
Nirringrazzjaw lill-imsieħba tagħna għall-appoġġ ġeneruż tagħhom.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm is-sors jiġi rikonoxxut.

TE-31-11-190-MT-C

## Tmexxija Maniġerjali fis-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol – Gwida Prattika

*Il-postijiet tax-xogħol siguri u li jġibu 'l quddiem is-saħħa jgħinu lin-negozji u lill-organizzazzjonijiet sabiex jirnexxu, u jikbru u biex minnhom tibbenefika wkoll parti ikbar mis-soċjetà. Din il-gwida tipprovdi informazzjoni prattika lill-mexxejja tan-negozji dwar kif is-saħħa u s-sigurtà jistgħu jiġu mtejba permezz ta' tmexxija effettiva, l-involviment tal-ħaddiema u valutazzjoni u reviżjoni kontinwa, biex b'hekk in-negozji u l-organizzazzjonijiet ikunu siguri u jġibu 'l quddiem is-saħħa għal kulħadd. Kontroll dijanjostiku jagħti idea dwar il-livell ta' prevenzjoni f'kumpanija u jipprovdi ideat għal titjib.*



**Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**
Gran Vía 33, 48009 Bilbao, SPAIN
Tel. +34 944794360
Fax +34 944794383
E-mail: information@osha.europa.eu
**http://osha.europa.eu**

**BUSINESSEUROPE**
Avenue de Cortenbergh/Kortenberglaan 168,
1000 Bruxelles/Brussel,
BELGIQUE/BELGÏE
Tel. +32 22376511
Fax +32 22311445
E-mail: main@businesseurope.eu
**http://www.businesseurope.eu**

ISBN 978-92-9191-618-4

9 789291 916184

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet